



## Ġabra tal-ġurisprudenza

**Kawża C-577/14 P**

**Brandconcern BV**

**vs**

**L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)**

**u**

**Scoters India Ltd**

“Appell – Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Regolament (KE) Nru 207/2009 – Artikolu 51(2) – Trade mark verbali LAMBRETTA – Użu ġenwin tat-trade mark – Talba għal revoka – Dikjarazzjoni parzjali ta’ revoka – Komunikazzjoni Nru 2/12 tal-President tal-EUIPO – Limitazzjoni razione temporis ta’ sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja”

Sommarju – Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tas-16 ta’ Frar 2017

1. *Approssimazzjoni tal-legalizzazzjonijiet - Trade marks - Direttiva 2008/95 - Identifikazzjoni tal-prodotti jew tas-servizzi kkonċernati mit-trade mark - Użu tal-indikazzjonijiet ġenerali tal-intestaturi ta’ klassijiet tal-klassifikazzjoni ta’ Nice - Portata tal-protezzjoni riżultanti - Obbligu tal-applikant li jispeċifika l-prodotti jew is-servizzi koperti mill-applikazzjoni tiegħu - Obbligu previst permezz ta’ sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja - Effetti - Limitazzjoni razione temporis*

*(Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2008/95)*

2. *Appell - Aggravji - Assenza ta’ kritika preċiża ta’ punt tar-raġunament tal-Qorti Ġenerali - Assenza ta’ indikazzjoni tal-punti kkritikati tas-sentenza appellata*

*[Artikolu 256(1), it-tieni subparagrafu, TFUE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 58, paragrafu 1; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikoli 168(1)(d), u 169(2)]*

1. Fil-punt 61 tas-sentenza tad-19 ta’ Ġunju 2012, Chartered Institute of Patent Attorneys (C-307/10, EU:C:2012:361), il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat b’dan il-mod li, sabiex jiġu osservati r-rekwiżiti ta’ ċarezza u ta’ preċiżjoni, imposti mid-Direttiva 2008/95/KE, biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks, l-applikant għal trade mark nazzjonali li juża l-indikazzjonijiet ġenerali kollha tal-intestatura ta’ klassi partikolari tal-klassifikazzjoni ta’ Nice sabiex jidentifika l-prodotti jew is-servizzi li għalihom hija mitluba l-protezzjoni għandu jispeċifika jekk l-applikazzjoni tiegħu għal reġistrazzjoni hijiex intiża sabiex tkopri l-prodotti jew servizzi kollha inklużi fil-lista alfabetika tal-klassi partikolari kkonċernata jew biss xi wħud minn dawn il-prodotti jew servizzi. Fil-każ li l-applikazzjoni tirrigwarda biss xi wħud mill-imsemmija prodotti jew servizzi, l-applikant huwa obbligat li jispeċifika liema prodotti jew servizzi li jaqgħu taħt din il-klassi huma intiżi li jkunu koperti.

Madankollu, fl-ewwel lok, il-punt 61 ta’ din is-sentenza ma jkkonċernax il-proprietarji ta’ trade mark diġà rreġistrata, iżda biss l-applikanti għal trade marks.

Fit-tieni lok, fl-imsemmi punt 61 tas-sentenza tad-19 ta' Ġunju 2012, Chartered Institute of Patent Attorneys, il-Qorti tal-Ġustizzja sempliċement tispeċifika r-rekwiżiti li għalihom jibqgħu suġġetti l-applikanti ġodda għal trade marks nazzjonali, li jużaw l-indikazzjonijiet ġenerali tal-intestatura ta' klassi sabiex jidentifikaw l-prodotti u s-servizzi li għalihom hija mitluba l-protezzjoni tat-trade mark. Tali rekwiżiti jippermettu li tiġi evitata s-sitwazzjoni li fiha ma jkunx possibbli li tiġi ddeterminata b'ċertezza l-portata tal-protezzjoni mogħtija minn trade mark, meta applikant juża l-indikazzjonijiet kollha li jinsabu fl-intestatura ta' klassi.

Għaldaqstant, ma jistax jitqies li l-Qorti tal-Ġustizzja, permezz tas-sentenza tad-19 ta' Ġunju 2012, Chartered Institute of Patent Attorneys, riedet tikkontesta l-approċċ espost fil-Komunikazzjoni Nru 4/03 tal-President tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tas-16 ta' Ġunju 2003, dwar l-użu tal-intestaturi tal-klassijiet fil-listi ta' oġġetti u servizzi għall-applikazzjonijiet u r-reġistrazzjonijiet tat-trade marks Komunitarji, li tgħid li l-użu tal-indikazzjonijiet ġenerali kollha tal-intestatura ta' klassi għal klassi partikolari jikkostitwixxi pretensjoni fir-rigward tal-prodotti jew tas-servizzi kollha li jiffurmaw parti minn din il-klassi partikolari. Għalhekk, ir-regola stabbilita fil-punt 61 tal-imsemmija sentenza ma hijiex applikabbli għar-reġistrazzjoni ta' trade mark li seħħet qabel l-għoti ta' din is-sentenza.

(ara l-punti 28-31)

2. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punt 37)